KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-22 ta' April 2021 [1]

Kawża C-636/19

Y

vs

CAK

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u tas-Servizz Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kura tas-saħħa transkonfinali – Direttiva 2011/24/UE – Artikolu 3(b)(i) – Kunċett ta' 'persuna assigurata' – Artikolu 7 – Rimbors tal-ispejjeż tal-kura transkonfinali – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 1(ċ) – Artikolu 24 – Dritt għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat Membru ta' residenza f'isem l-Istat Membru responsabbli għall-pensjoni – Artikolu 56 TFUE"

I. Introduzzjoni

1. Persuna li tirċievi pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru (iktar 'il quddiem l-"Istat responsabbli għall-pensjoni") u li għandha dritt, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 [2], għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat Membru ta' residenza tagħha (iktar 'il quddiem l-"Istat ta' residenza") f'isem l-Istat responsabbli għall-pensjoni, mingħajr madankollu ma jkollha assigurazzjoni għall-mard obbligatorja f'dan tal-aħħar, taqa' taħt il-kunċett ta' "persuna assigurata", fis-sens tal-Artikolu 3(b)(i) tad-Direttiva 2011/24/UE [3], b'mod li tista' tinvoka l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, sabiex tiġi rrimborsata, mill-Istat responsabbli għall-pensjoni, l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali li bbenefikat minnha fit-tielet Stat Membru? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, rifjut ta' rimbors, mill-Istat responsabbli għall-pensjoni, tal-ispejjeż ta' din il-kura tas-saħħa transkonfinali, minħabba assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel, jista' jikkostitwixxi ostakolu mhux iġġustifikat għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bi ksur tal-Artikolu 56 TFUE?

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU 2009, L 284, p. 43) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 883/2004").

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU 2011, L 88, p. 45).

2. Dawn huma l-kwistjonijiet li tqajjem din il-kawża, li ser iwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, sabiex tispeċifika r-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 883/2004 u dawk tad-Direttiva 2011/24 li jippermettu lil persuna assigurata tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali[4], u, min-naħa l-oħra, sabiex tapplika l-ġurisprudenza tagħha dwar l-awtorizzazzjoni minn qabel bħala ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE[5].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Nru 883/2004

3. Skont il-premessi 20 u 22 tar-Regolament Nru 883/2004:

"(20) Fil-qasam ta' benefiċċji marbuta ma' mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità, persuni assigurati, kif ukoll membri tal-familji tagħhom, li jgħixu jew joqogħdu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru kompetenti, għandhom jingħataw protezzjoni.

[…]

(22) Minħabba l-posizzjoni speċifika ta' persuni li għandhom pretensjoni għal pensjoni, ta' pensjonanti u tal-membri tal-familji tagħhom, huwa meħtieġ li jkun hemm disposizzjonijiet li jirregolaw assigurazzjoni marbuta mal-mard adattati għal din is-sitwazzjoni."

4. Skont l-Artikolu 1(ċ), (q), (s) u (va) ta' dan ir-regolament:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(ċ) 'persuna assigurata', fil-kuntest tal-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti minn Titolu III, Kapitoli 1 u 3, tfisser kwalunkwe persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti taħt Titolu II biex ikollu d-dritt għal benefiċċji, dejjem waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

[…]

(q) 'istituzzjoni kompetenti' tfisser:

(i) l-istituzzjoni li l-persuna konċernat jkun assigurat magħha meta ssir l-applikazzjoni għal benefiċċju; jew

[4] Ir-rabta bejn dawn iż-żewġ atti leġiżlattivi u d-differenzi bejniethom diġà ġiet eżaminata b'mod iddettaljat, b'mod partikolari, fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża Veselības ministrija (C-243/19, EU:C:2020:325, punti 48 sa 68). Ara wkoll, f'dan ir-rigward, Carrascosa Bermejo, M.-D., "Cross-border healthcare in the EU: Interaction between Directive 2011/24/EU and the Regulations on social security coordination", *ERA Forum*, Vol. 15, 2014, p. 359 sa 380.

[5] Kwistjoni li diġà ġiet eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fis-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581) u tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745).

(ii) l-istituzzjoni li minnha l-persuna konċernata hija jew tkun intitolata għal benefiċċji jekk hija jew membru jew membri tal-familja tagħha jkollha jew ikollhom ir-residenza fl-Istat Membru fejn tinstab l-istituzzjoni; […]

[…]

(s) 'Stat Membru kompetenti' tfisser l-Istat Membru fejn tinstab l-istituzzjoni kompetenti;

[…]

(va) 'benefiċċji in natura' tfisser:

(i) għall-finijiet tat-Titolu III, Kapitolu I (benefiċċji marbutin mal-mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità), il-benefiċċji in natura previsti taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li huma maħsuba biex jiġu fornuti, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, iħallsu direttament jew iħallsu lura l-ispejjeż għall-kura medika u prodotti u servizzi anċillari għal dik il-kura. Dan jinkudi benefiċċji in natura ta' kura għal perijodu fit-tul;

[…]"

5. L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Persuni koperti", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandhu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom."

6. L-Artikolu 11 tal-istess regolament, intitolat "Regoli ġenerali", li jinsab fit-Titolu II ta' dan tal-aħħar, intitolat "Determinazzjoni ta' liema leġislazzjoni tapplika", jistabbilixxi, fil-paragrafu 3(e) tiegħu:

"Bla ħsara għall-Artikolu 12 sa 16:

[…]

(e) kull persuna oħra li għaliha ma japplikawx is-subparagrafi (a) sa (d) għandha tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru fejn għandha r-residenza tagħha: dan iżda mingħajr ħsara għal disposizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament li jiggarantixxu benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra."

7. It-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Disposizzjonijiet speċjali dwar id-diversi kategoriji ta' benefiċċji", jinkludi l-Kapitolu 1, li t-Taqsima 1 tiegħu, min-naħa tagħha, hija intitolata "Persuni assigurati u membri tal-familji tagħhom, minbarra pensjonanti u membri tal-familji tagħhom".

8. L-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Sakemm il-paragrafu 2 ma jgħidx mod ieħor, il-persuna assigurata u l-membri tal-familja tagħha msemmija fl-Artikolu 17 għandhom ikunu intitolati wkoll għal benefiċċji mogħtija in natura sakemm ikunu qegħdin joqogħdu fl-Istat Membru kompetenti. Il-benefiċċji mogħtija in natura għandhom jingħataw mill-istituzzjoni kompetenti u bl-ispejjeż għaliha, skond id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni li hija tapplika, bħallikieku l-persuni konċernati kellhom ir-residenza tagħhom f'dak l-Istat Membru."

9. L-Artikolu 19(1) tal-imsemmi regolament, intitolat "Żjara barra l-Istat Membru kompetenti", li jinsab f'din it-Taqsima 1, jipprovdi:

"1. Sakemm il-paragrafu 2 ma jgħidx mod ieħor, persuna assigurata u l-membri tal-familja tagħha li joqogħdu fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti għandhom ikunu intitolati għall-benefiċċji mogħtija in natura li jkunu meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi matul iż-żjara tagħhom. It-tip ta' benefiċċji u t-tul maħsub taż-żjara għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Dawn il-benefiċċji għandhom jingħataw f'isem l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara, skond id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni li din l-istituzzjoni tapplika, bħallikieku il-persuni konċernati kienu assigurati taħt din il-leġislazzjoni."

10. L-Artikolu 20 tal-istess regolament, li wkoll jinsab fit-Taqsima 1 u huwa intitolat "Vjaġġar bl-iskop li jingħataw benefiċċji mogħtija in natura - awtorizzazzjoni biex jingħata trattament xieraq barra l-Istat Membru ta' residenza", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, persuna assigurata li tivjaġġa lejn Stat Membru ieħor bl-iskop li tirċievi benefiċċji mogħtija in natura waqt iż-żjara tagħha, għandha tikseb awtorizzazzjoni mill-istituzzjoni kompetenti.

2. Persuna assigurata litkun awtorizzata mill-istituzzjoni kompetenti biex tmur fi Stat Membru ieħor bil-għan li tirċievi t-trattament xieraq għall-kondizzjoni tagħha, għandha tirċievi l-benefiċċji mogħtija in natura mogħtija, f'isem l-istituzzjoni kompetenti, mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara, skond id-disposizzjonijiet li dina tapplika, bħallikieku kienet assigurata taħt din il-leġislazzjoni. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata fejn it-trattament konċernat huwa fost il-benefiċċji mogħtija mil-leġislazzjoni fl-Istat Membru fejn il-persuna konċernata jkollha l-post tar-residenza tagħha u fejn din il-persuna ma tistax tingħata dan it-trattament fi żmien li jista' jkun ġustifikat fuq raġunijiet mediċi. L-istat preżenti tas-saħħa tal-persuna u l-iżvilupp probabbli tal-marda tagħha għandha jittieħdu in konsiderazzjoni."

11. L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Meta ma jkunx hemm dritt għal benefiċċji mogħtija *in natura* taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' residenza" u li jinsab fit-Taqsima 2 tat-Titolu III tiegħu, intitolata "Pensjonanti u membri tal-familji tagħhom", jaqra kif ġej:

"1. Persuna li tirċievi pensjoni jew pensjonijiet taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed u li mhix intitolata għal benefiċċji mogħtija *in natura* taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' residenza għandha, xorta waħda, tirċievi dawn il-benefiċċji għaliha stess jew għall-membri tal-familja tagħha. Dan iżda sa fejn hija kienet tkun intitolata għalihom taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru, jew ta' l-anqas wieħed mill-Istati Membri, kompetenti fir-rigward tal-pensjonijiet tagħha jekk hija kellha residenza f'dak l-Istat Membru. Il-benefiċċji mogħtija *in natura* għandhom jingħataw, bl-ispejjeż għalll-istituzzjoni msemmija

fil-paragrafu 2, mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza bħallikieku l-persuna konċernata kienet intitolata għal pensjoni u benefiċċji mogħtija *in natura* taħt il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

2. Fil-każijiet koperti mill-paragrafu 1, l-ispejjeż tal-benefiċċji mogħtija *in natura* għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kif determinata minn dawn ir-regoli:

(a) meta l-persuna pensjonanta hija intitolata għal benefiċċji *in natura* taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed, l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti ta' dak l-Istat Membru;

[…]"

12. L-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, intitolat "Żjara tal-persuna pensjonanta jew tal-membri tal-familja tagħha fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru fejn għandhom ir-residenza tagħhom - żjara fl-Istat Membru kompetenti - awtorizzazzjoni għal trattament xieraq barra l-Istat Membru ta' residenza", jipprovdi:

"1. L-Artikolu 19 għandu japplika *mutatis mutandis* għal persuna li tirċievi pensjoni jew pensjonijiet taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar u li hija intitolata għal benefiċċji mogħtija *in natura* taħt il-leġsilazzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri li jħallsu l-pensjoni jew pensjonijiet tagħha jew għall-membri tal-familja tagħha li joqogħdu fi Stat Membru differenti minn dak li fih għandhom ir-residenza tagħhom.

2. L-Artikolu 18(1) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-persuni deskritti fil-paragrafu 1 meta dawn joqogħdu fl-Istat Membru fejn tinstab l-istituzzjoni kompetenti responsabbli għall-ispejjeż tal-benefiċċji mogħtija *in natura* lill-persuna pensjonanta fl-Istat Membru fejn għandha r-residenza tagħha u dan l-Istat Membru għażel dan u huwa mniżżel fl-Anness IV.

3. L-Artikolu 20 għandu japplika *mutatis mutandis* għal persuna pensjonanta jew/u għall-membri tal-familja tagħha li joqogħdu fi Stat Membru differenti minn dak fejn għandhom ir-residenza tagħhom bil-għan li hemmhekk jirċievu it-trattament xieraq għall-kondizzjoni tagħhom.

4. Sakemm il-paragrafu 5 ma jgħidx mod ieħor, l-ispejjeż tal-benefiċċji mogħtija *in natura* msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti responsabbli għall-ispejjeż tal-benefiċċji mogħtija *in natura* lill-persuna pensjonanta fl-Istat Membru fejn għandha r-residenza tagħha.

5. L-ispejjeż tal-benefiċċji mogħtija *in natura* msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza tal-persuna pensjonanta jew tal-membri tal-familja tagħha jekk dawn il-persuni għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li għażel il-ħlas lura fuq bażi ta' ammonti fissi. F'dawn il-każijiet, għall-għanijiet tal-paragrafu 3, l-istituzzjoni tal-post ta' residenza tal-persuna pensjonanta jew tal-membri tal-familja għandha titqies bħala l-istituzzjoni kompetenti."

13. L-Artikolu 31 tal-imsemmi regolament, intitolat "Disposizzjoni ġenerali" u li jinsab fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 1 tal-imsemmi regolament, jistabbilixxi:

"L-Artikoli 23 sa 30 ma għandhomx japplikaw għal persuna pensjonanta […] li huma intitolati għal benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru fuq il-bażi ta' attività bħala persuni impjegati jew

bħala persuni li jaħdmu għal rashom. F'każ bħal dan, il-persuna konċernata għandha tkun suġġetta, għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, għall-Artikoli 17 sa 21."

2. Id-Direttiva 2011/24

14. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24 jaqra kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzdatajonijiet li ġejjin:

(a) 'kura tas-saħħa' tfisser servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi;

(b) 'persuna assigurata' tfisser:

(i) il-persuni, inklużi l-membri tal-familji tagħhom u s-sopravissuti tagħhom, li huma koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 883/2004] u li huma persuni assigurati fis-sens tal-Artikolu 1(c) ta' dak ir-Regolament, u

(ii) […]"

15. L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Prinċipji ġenerali għar-rimborż tal-ispejjeż", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Mingħajr ħsara għar-Regolament [Nru 883/2004] u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 9, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-ispejjeż magħmula mill-persuna assigurata li tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali jiġu rimborżati, jekk il-kura tas-saħħa inkwistjoni tkun fost il-benefiċċji li l-persuna assigurata hija intitolata għalihom fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1:

(a) jekk Stat Membru huwa elenkat fl-Anness IV għar-Regolament [Nru 883/2004][6] u f'konformità ma' dak ir-Regolament ikun irrikonoxxa d-drittijiet għall-benefiċċji tal-mard għal pensjonanti u l-membri tal-familji tagħhom, li jkunu residenti fi Stat Membru differenti, huwa għandu jipprovdilhom kura tas-saħħa skont din id-Direttiva bl-ispejjeż għalih meta joqogħdu fuq it-territorju tiegħu, f'konformità mal-leġislazzjoni tiegħu, daqs li kieku l-persuni kkonċernati kienu residenti fl-Istat Membru elenkat f' dak l-Anness;

[…]"

16. L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kura tas-saħħa li tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jipprevedi sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 9.

[6] Wara l-adozzjoni tar-Regolament Nru 988/2009, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jinsab fl-Anness IV tar-Regolament Nru 883/2004, li jinkludi lista tal-Istati Membri li taw drittijiet supplimentari lill-persuni li jirċievu pensjoni li jmorru lura lejn l-Istat Membru kompetenti (Artikolu 27(2) tar-Regolament Nru 883/2004).

Is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inklużi l-kriterji u l-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji, u d-deċiżjonijiet individwali ta' tiċħid tal-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel, għandhom ikunu ristretti għal dak li hu meħtieġ u proporzjonali għall-objettiv li jrid jintlaħaq, u ma jistgħux jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ostaklu mhux iġġustifikat għall-moviment liberu tal-pazjenti.

2. Il-kura tas-saħħa li tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun limitata għal kura tas-saħħa li:

(a) hija soġġetta għar-rekwiżiti tal-ippjanar marbuta mal-ħsieb li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u permanenti għal għażla bbilanċjata ta' trattamenti ta' kwalità għolja fl-Istat Membru kkonċernat jew max-xewqa li jiġu kkontrollati l-ispejjeż u tiġi evitata, kemm jista' jkun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani u:

(i) tinvolvi akkomodazzjoni fi sptar mal-lejl għall-pazjent ikkonċernat għal mill-anqas lejl wieħed; jew

(ii) teħtieġ l-użu ta' infrastruttura medika jew tagħmir mediku speċjalizzati ħafna u għoljin ħafna;

[…]

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kategoriji tal-kura tas-saħħa msemmija fil-punt (a)."

B. Id-dritt Olandiż

17. L-Artikolu 69 taż-Zorgverzekeringswet (il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni għall-Kura tas-Saħħa, iktar 'il quddiem iż-"Zvw"), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali[7], jistabbilixxi:

"1. Il-persuni li jirrisjedu barra mill-pajjiż li, skont regolament tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej jew skont regolament adottat taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew trattat fil-qasam tas-sigurtà soċjali, għandhom dritt, f'każ ta' bżonn, għall-kura jew għar-rimbors tagħha, kif previst fil-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni għall-kura fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, għandhom jirreġistraw ruħhom mas-[Centraal Administratie Kantoor (l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni Ċentrali, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem iċ-"CAK")], sakemm, skont din il-liġi, ma jaqgħux taħt l-assigurazzjoni obbligatorja.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafi 1, 14 u 15 huma obbligati jħallsu kontribuzzjoni li għandha tiġi stabbilita permezz ta' digriet ministerjali. Għal parti li għandha tiġi stabbilita b'dan id-digriet, l-imsemmija kontribuzzjoni titqies bħala primjum għal assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa, u dan għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-(Wet op de zorgtoeslag (il-Liġi dwar il-Benefiċċji għall-Kura tas-Saħħa)).

[…]

[7] Stb. 2005, Nru 358, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ mill-1 ta' April 2014 sal-1 ta' Jannar 2017 (Stb. 2013, Nru 578).

4. Iċ-[CAK] huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 14 u 15 u tar-regolamenti internazzjonali li jissemmew fihom, kif ukoll għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-impożizzjoni u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

[…]"

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Y, appellanti fil-kawża prinċipali, hija ċittadina Olandiża li tirrisjedi mal-konjuġi tagħha fil-Belġju u tirċievi pensjoni tax-xjuħija bis-saħħa tal-Algemene Ouderdomswet (il-Liġi Olandiża Ġenerali dwar ix-Xjuħija, iktar 'il quddiem l-"AOW")[8]. Fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, bħala persuna li tirċievi din il-pensjoni, Y kellha dritt, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 88/2004, għall-kura tas-saħħa fl-Istat ta' residenza tagħha (il-Belġju) li għaliha kien responsabbli l-Istat Membru tal-imsemmija pensjoni (il-Pajjiżi l-Baxxi). Sabiex tibbenefika minn dan id-dritt, hija kienet obbligata tħallas kontribuzzjoni, taħt l-Artikolu 69 taż-Zvw, moqri flimkien mal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 883/2004. Bħala persuna li tirċievi pensjoni li hija benefiċjarja tad-dritt tal-Unjoni[9], Y ma kinitx taqa' taħt l-iskema ta' assigurazzjoni għall-kura tas-saħħa obbligatorja Olandiża u kienet eżenti mill-kontribuzzjonijiet relatati magħha.

19. Fis-6 ta' Marzu 2015, wara konsultazzjoni ta' Y ma' tabib ġenerali fil-Belġju, twettaq eżami radjoloġiku fl-Academisch Ziekenhuis Maastricht (l-Isptar Universitarju ta' Maastricht, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem l-"AZM") u, sussegwentement, fit-8 ta' Marzu 2015, twettaq eżami ta' immaġni b'reżonanza manjetika (IRM). Fid-9 u fil-11 ta' Marzu 2015, il-konjuġi ta' Y ikkuntattja bit-telefon lill-konvenut fil-kawża prinċipali, iċ-CAK - il-korp kompetenti li fuqu taqa' l-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004[10] - dwar trattament mediku previst fil-Ġermanja. Iċ-CAK ġibed l-attenzjoni tal-konjuġi ta' Y dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni.

20. Fit-12 ta' Marzu 2015, l-AZM iddijanjostika kanċer tas-sider tal-Grad 2 fir-rigward ta' Y u għamlilha proposta ta' trattament.

21. Fit-13 ta' Marzu 2015, Y talbet it-tieni opinjoni medika mill-Franziskus Hospital Harderberg li jinsab f'Osnabrück (il-Ġermanja), li għaliha talbet l-awtorizzazzjoni minn qabel taċ-CAK. Matul din il-konsultazzjoni, ġie ddijanjostikat kanċer tas-sider tal-Grad 3 fir-rigward tagħha.

22. Fl-20 ta' Marzu 2015, Y għamlet operazzjoni f'sidirha f'dan l-isptar Ġermaniż u, fil-25 ta' Marzu 2015, tneħħewlha xi limfonodi. Fil-kuntest ta' dawn l-operazzjonijiet, Y qagħdet f'dan l-isptar għall-perijodu mid-19 ta' Marzu sat-30 ta' Marzu 2015. Sussegwentement, bejn l-14 ta' April 2015 u l-24 ta' Ġunju 2015, Y irċeviet trattamenti ta' wara operazzjoni f'dan l-isptar, fosthom radjoterapija. Għal dawn l-operazzjonijiet u dawn it-trattamenti, ma ntalbet ebda awtorizzazzjoni minn qabel mingħand iċ-CAK.

[8] Stb. 1956, Nru 281.

[9] Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jispjega li dan il-grupp ta' persuni huwa indikat bħala l-"verdragsgerechtigde gepensioneerden" (il-persuni li jirċievu pensjoni li huma benefiċjarji ta' ftehim), fejn it-terminu "verdragsgerechtigd" ifisser, essenzjalment, kull persuna li tirrisjedi barra mill-Pajjiżi l-Baxxi li għandha dritt għal benefiċċju legali li għalih huma responsabbli l-Pajjiżi l-Baxxi skont id-dritt tal-Unjoni.

[10] Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li, mill-1 ta' Jannar 2017, iċ-CAK jeżerċita, f'kawżi bħall-kawża prinċipali, il-kompetenzi li qabel kienu eżerċitati miż-Zorginstituut Nederland (il-Pajjiżi l-Baxxi).

23. Fid-19 ta' Marzu 2015, l-organu Belġjan ta' assigurazzjoni għall-mard [11] li Y kienet taqa' taħtu ressaq talba quddiem iċ-CAK intiża li tinkiseb awtorizzazzjoni (*a posteriori*) relatata mat-trattament mediku ppjanat wara l-konsultazzjoni tat-13 ta' Marzu 2015 fil-Franziskus Hospital Harderberg.

24. Fl-1 ta' Mejju 2015, iċ-CAK irrifjuta li jagħti din l-awtorizzazzjoni, peress li qies li kien ikollu kompetenza sabiex jagħti tali awtorizzazzjoni biss li kieku Y kienet talbet awtorizzazzjoni għat-trattamenti inkwistjoni, ħaġa li ma kinitx għamlet.

25. Fl-1 ta' Lulju 2015, Y talbet liċ-CAK ir-rimbors tal-ispejjeż relatati mat-trattamenti mediċi li hija kienet ġarrbet fil-Ġermanja, li kienu jammontaw għal total ta' EUR 16 853.13, filwaqt li ppreżentat il-fatturi relatati ma' dawn it-trattamenti.

26. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2015, iċ-CAK ċaħad din it-talba, għar-raġuni li Y kienet marret fil-Ġermanja bil-għan li tibbenefika minn trattamenti mediċi li huwa kklassifika bħala "kura ppjanata", kif prevista fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 883/2004, li ma kinitx ġiet amministrata fil-Belġju (l-Istat ta' residenza) jew fil-Pajjiżi l-Baxxi (l-Istat responsabbli għall-pensjoni), u li għaliha Y ma kinitx talbet awtorizzazzjoni minn qabel. Fl-assenza ta' tali talba għal awtorizzazzjoni, iċ-CAK qies li ma kienx kompetenti sabiex jirrimborsa l-ispejjeż mediċi inkwistjoni.

27. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2016, l-ilment imressaq minn Y kontra d-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2015 ġie miċħud bħala infondat.

28. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Novembru 2016, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-4 ta' Jannar 2016 bħala infondat. Dik il-qorti qieset, essenzjalment, li s-soġġorn fl-isptar, l-intervista preliminari u t-trattament ippjanat fil-Ġermanja f'intervall ta' ġimgħa ma kinux juru urġenza estrema f'dak li jirrigwarda l-istat ta' saħħa ta' Y matul is-soġġorn tagħha f'dan l-Istat. Skont l-imsemmija qorti, iċ-CAK kellu raġun jikklassifika t-trattament mediku mogħti lil Y fil-Ġermanja bħala "kura ppjanata", li għaliha ebda awtorizzazzjoni ma kienet ingħatat, u, konsegwentement, jirrifjuta r-rimbors tal-ispejjeż mediċi relatati magħha.

29. Y appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u tas-Servizz Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi), billi sostniet, essenzjalment, minn naħa, li, minħabba n-natura urġenti u mhux mistennija tagħhom fuq livell mediku, l-operazzjonijiet mediċi tal-20 u tal-25 ta' Marzu 2015 kellhom jitqiesu li kienu kura "mhux ippjanata", fis-sens tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 883/2004, li r-rimbors tagħha ma kienx suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, u, min-naħa l-oħra, li l-ispejjeż tat-trattamenti ta' wara operazzjoni, fosthom radjoterapija, li seħħew ukoll fil-Ġermanja bejn l-14 ta' April u l-24 ta' Ġunju 2015, lanqas ma kienu suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel, taħt l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/24.

30. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li hija tqis li ċ-CAK ma kienx obbligat iwettaq ir-rimbors tal-ispejjeż sostnuti minn Y fil-Ġermanja abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 883/2004, li kien japplika, *mutatis mutandis*, għall-persuni li jirċievu pensjoni bħal Y, bis-saħħa tal-Artikolu 27(3) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, filwaqt li tammetti li ma kienx neċessarju li tinqata' l-kwistjoni jekk is-sempliċi assenza ta' talba għal awtorizzazzjoni minn qabel

[11] Il-Christelijke Mutualiteit Limburg (l-Assoċjazzjoni Mutwa Nisranija ta' Limburg), li kienet l-"istituzzjoni tal-post ta' residenza" prevista fl-Artikolu 1(r) tar-Regolament Nru 883/2004.

min-naħa ta' Y kinitx suffiċjenti sabiex iċ-CAK ikun jista' jirrifjuta r-rimbors ta' dawn l-ispejjeż, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, matul il-proċedura quddiemha, irriżulta li, anki li kieku tali awtorizzazzjoni kienet intalbet fil-ħin, din tal-aħħar setgħet tiġi rrifjutata miċ-CAK għar-raġuni li, abbażi ta' dikjarazzjoni tal-organu Belġjan ta' assigurazzjoni għall-mard, kien possibbli li l-istess trattament jingħata fl-istess terminu fil-Belġju. Għaldaqstant, skont il-qorti tar-rinviju, ma ġewx issodisfatti r-rekwiżiti previsti fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 883/2004 għall-kisba ta' benefiċċji in natura fil-każ ta' kura ppjanata fi Stat Membru differenti mill-Istat ta' residenza u mill-Istat responsabbli għall-pensjoni f'isem dan l-Istat tal-aħħar.

31. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, kif issostni Y, il-persuna li tirċievi pensjoni tistax madankollu tinvoka ġustament id-Direttiva 2011/24, sabiex tiġi rrimborsata, kompletament jew parzjalment, l-ispejjeż tal-kura ta' wara operazzjoni li rċeviet fil-Ġermanja, sa fejn din id-direttiva ma teżiġi ebda awtorizzazzjoni għall-kura tas-saħħa outpatient transkonfinali. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk, peress li Y hija persuna li tirċievi pensjoni u ma hijiex assigurata skont skema nazzjonali obbligatorja ta' assigurazzjoni għall-mard, hija taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-imsemmija direttiva bħala "persuna assigurata", fis-sens tal-Artikolu 3(b)(i) tal-istess direttiva. Fil-każ ta' risposta affermattiva, dik il-qorti jidhrilha, bħal Y, li, skont l-Artikolu 8(2)(a)(ii) tad-Direttiva 2011/24, il-kura ta' wara operazzjoni (li tinkludi r-radjoterapija) ma hijiex kura li tista' tiġi suġġetta għal awtorizzazzjoni [12].

32. Fl-aħħar nett, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkonkludi li Y ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2011/24, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 56 TFUE jipprekludix li l-Istat responsabbli għall-pensjoni ta' Y jirrifjuta li jirrimborsaha, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel miksuba minnha, l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa outpatient li rċeviet barra mill-Istat ta' residenza u mill-Istat responsabbli għall-pensjoni, bħala ostakolu mhux iġġustifikat għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita minn din id-dispożizzjoni.

33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u tas-Servizz Pubbliku) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-Direttiva [2011/24] għandha tiġi interpretata fis-sens li l-persuni li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 24 tar-Regolament [Nru 883/2004] li jirċievu fil-pajjiż ta' residenza benefiċċji in natura pprovduti mill-Pajjiżi l-Baxxi [li għalihom huma responsabbli l-Pajjiżi l-Baxxi], iżda li ma humiex assigurati fil-Pajjiżi l-Baxxi taħt l-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, jistgħu jinvokaw direttament din id-direttiva sabiex jiksbu r-rimobors tal-ispejjeż tal-kura pprovduta?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv,

2) Mill-Artikolu 56 TFUE jirriżulta li, f'każ bħal dak preżenti, ir-rifjut ta' rimbors għall-kura pprovduta fi Stat Membru ieħor għajr il-pajjiż ta' residenza jew l-Istat tal-pensjoni jikkostitwixxi ostakolu mhux iġġustifikat għall-moviment liberu tas-servizzi?"

[12] Il-qorti tar-rinviju tindika li l-kura li għaliha Y kellha toqgħod fl-isptar fil-Ġermanja matul il-perijodu mid-19 sat-30 ta' Marzu 2015 (jiġifieri l-kura marbuta maż-żewġ operazzjonijiet mediċi) hija kura li taqa' taħt l-Artikolu 8(2)(a)(i) tad-Direttiva 2011/24 u għalhekk hija suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel.

34. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Kummissjoni Ewropea, li wieġbu wkoll għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

35. Dawn id-domandi preliminari qegħdin isiru fil-kuntest partikolari tal-leġiżlazzjoni Olandiża, li tipprovdi li l-persuni li jirċievu pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Olandiża u li ma jirrisjedux fil-Pajjiżi l-Baxxi għandhom dritt, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għal kura tas-saħħa fl-Istat ta' residenza tagħhom. Sabiex tibbenefika minn dan id-dritt, din il-kategorija ta' persuni hija obbligata tħallas kontribuzzjoni liċ-CAK. Skont din l-iskema, jekk jiġu sostnuti spejjeż mediċi barra mill-Pajjiżi l-Baxxi, iċ-CAK jorganizza l-ħlas tagħhom mal-Istat li fih dawn l-ispejjeż ikunu ġew sostnuti.

36. F'dan il-każ, Y tirċievi pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi u, peress li tirrisjedi fil-Belġju, ma għandhiex assigurazzjoni għall-mard obbligatorja Olandiża. Madankollu hija għandha dritt, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għall-benefiċċji in natura skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tagħha, il-Belġju, li fir-rigward tal-għoti tagħhom huwa responsabbli l-Istat responsabbli għall-pensjoni tagħha, il-Pajjiżi l-Baxxi.

37. Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, Y tfittex li tiġi rrimborsata miċ-CAK l-ispejjeż tal-benefiċċji mediċi li bbenefikat minnhom fil-Ġermanja fil-kuntest tat-trattament ta' kanċer tas-sider. Dawn it-talbiet għal rimbors huma marbuta ma' żewġ tipi ta' spejjeż: minn naħa, mal-ispejjeż tal-operazzjonijiet kirurġiċi, inklużi l-ispejjeż ta' soġġorn fl-isptar relatati magħhom, li Y tixtieq li tiġi rrimborsata għalihom, b'mod partikolari, taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 883/2004, peress li hija tqis li din il-kura ma tistax tiġi kklassifikata bħala "kura ppjanata" u, għaldaqstant, ma kellhiex tiġi awtorizzata minn qabel, kif isostni ċ-CAK, u, min-naħa l-oħra, mal-ispejjeż tat-trattamenti ta' wara operazzjoni, fosthom radjoterapija, li Y tixtieq li tiġi rrimborsata għalihom taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/24, sa fejn, skont Y, din id-direttiva ma tissuġġettax ir-rimbors għal awtorizzazzjoni minn qabel. Għaldaqstant, Y tqis li tista' tinvoka d-dispożizzjonijiet kemm tar-Regolament Nru 883/2004 kif ukoll tad-Direttiva 2011/24.

38. Il-qorti tar-rinviju teskludi l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 għall-fatti fil-kawża prinċipali (ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet) u tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja biss f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24 u tal-Artikolu 56 TFUE. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tittratta l-kwistjoni jekk il-qorti tar-rinviju kellhiex raġun tikklassifika ż-żewġ operazzjonijiet fil-Ġermanja bħala "kura ppjanata" li taqa' taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 883/2004 u jekk is-sempliċi assenza ta' talba għal awtorizzazzjoni minn qabel hijiex suffiċjenti sabiex jiġi rrifjutat rimbors tal-ispejjeż. Madankollu, jidhirli li huwa utli li nindika li, wara li tressqet din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ sentenzi li jirrigwardaw kemm il-kunċett ta' "kura ppjanata" fis-sens tal-Artikolu 20 ta' dan

ir-regolament [13], kif ukoll id-dritt għar-rimbors tal-ispejjeż ta' tali kura taħt dan l-artikolu fil-każ ta' rifjut jew ta' assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel [14].

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

39. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-persuni li jirċievu pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandhom dritt, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat ta' residenza tagħhom f'isem l-Istat responsabbli għall-pensjoni, mingħajr madankollu ma jkollhom assigurazzjoni għall-mard obbligatorja mal-Istat responsabbli għall-pensjoni, jistgħux jinvokaw id-Direttiva 2011/24 sabiex jiksbu r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali li ngħatatilhom fit-tielet Stat Membru.

40. Qabelxejn għandu jitfakkar li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/24 jistabbilixxi li, "[m]ingħajr ħsara għar-Regolament [Nru 883/2004] u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 9 [tal-imsemmija direttiva], l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-ispejjeż magħmula mill-*persuna assigurata* li tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali jiġu rimborżati, jekk il-kura tas-saħħa inkwistjoni tkun fost il-benefiċċji li l-persuna assigurata hija intitolata għalihom fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni" [15]. Minn din il-formulazzjoni jirriżulta li d-dritt għar-rimbors huwa rriżervat biss għall-"persuni assigurati".

41. Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk persuna fis-sitwazzjoni ta' Y, li tirċievi pensjoni fl-ewwel Stat Membru u li għandha dritt, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat Membru ta' residenza f'isem l-ewwel Stat Membru, mingħajr madankollu ma għandha l-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja f'dan tal-aħħar, tistax tiġi kklassifikata bħala "persuna assigurata", fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/24, b'mod li tista' tinvoka d-dritt għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura transkonfinali.

42. Għar-raġunijiet li ser insemmi iktar 'il quddiem, jidhirli li għandha tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda.

[13] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745, punti 38 sa 44).

[14] Ara s-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745, punti 45 sa 55), u tad-29 ta' Ottubru 2020, Veselības ministrija (C-243/19, EU:C:2020:872, punti 28 sa 33), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża Veselības ministrija (C-243/19, EU:C:2020:325, punti 48 sa 68). F'dan ir-rigward, nosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà identifikat żewġ sitwazzjonijiet li fihom il-persuna assigurata, anki fl-assenza ta' awtorizzazzjoni maħruġa debitament qabel tibda tingħata l-kura ppjanata fl-Istat Membru ta' soġġorn, għandha dritt tikseb direttament ir-rimbors, mill-istituzzjoni kompetenti, ta' ammont ekwivalenti għal dak li din l-istituzzjoni normalment kienet tieħu responsabbiltà għalih li kieku l-persuna assigurata kellha tali awtorizzazzjoni. Waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hija possibbli meta, b'mod partikolari, għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi kura b'urġenza fi sptar, il-persuna assigurata kienet prekluża milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx tistenna d-deċiżjoni tal-istituzzjoni kompetenti fuq it-talba għal awtorizzazzjoni mressqa. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni li teskludi, fil-każijiet kollha, it-teħid ta' responsabbiltà għall-kura fl-isptar mogħtija fi Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, iċċaħħad lill-persuna assigurata mit-teħid ta' responsabbiltà għal tali kura, għalkemm il-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu ssodisfatti. Tali leġiżlazzjoni, li ma tistax tiġi ġġustifikata b'kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' interess ġenerali u, fi kwalunkwe każ, li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' proporzjonalità, tikkostitwixxi, konsegwentement, restrizzjoni mhux iġġustifikata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745, punti 46 sa 48 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

[15] Korsiv miżjud minni.

1. Fuq il-kunċett ta' "persuna assigurata" fis-sens tad-Direttiva 2011/24

43. Il-kunċett ta' "persuna assigurata" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 2011/24 u jfisser, b'mod partikolari, fil-punt (i), "il-persuni, […] li huma koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 883/2004] u li huma persuni assigurati fis-sens tal-Artikolu 1(c) ta' dak ir-Regolament". Din id-definizzjoni għalhekk tirreferi għad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar id-"definizzjonijiet" u l-"persuni koperti" tar-Regolament Nru 883/2004. Sa fejn l-imsemmija definizzjoni tirreferi għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament b'mod kumulattiv, sabiex persuna tiġi kklassifikata bħala "persuna assigurata", fis-sens ta' din id-direttiva, dawn iż-żewġ rekwiżiti previsti mill-imsemmi regolament għandhom ikunu ssodisfatti.

44. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 883/2004, dan japplika, b'mod partikolari, għaċ-"ċittadini ta' Stat Membru […] li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed" u, min-naħa l-oħra, li, skont l-Artikolu 1(ċ) ta' dan ir-regolament, "'persuna assigurata', fil-kuntest tal-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti minn Titolu III [16], Kapitoli 1 u 3, tfisser kwalunkwe persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti taħt Titolu II biex ikollu d-dritt għal benefiċċji, dejjem waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet [tal-imsemmi] Regolament".

45. F'dak li jirrigwarda l-ewwel rekwiżit previst fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 883/2004, li jaqa' taħt il-"persuni koperti" tiegħu, jidhirli li ma hemm ebda dubju li persuna, bħal Y, li hija ċittadina ta' Stat Membru u li tirċievi pensjoni minn dan l-Istat Membru li tagħtiha dritt għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat ta' residenza tagħha f'isem l-Istat responsabbli għall-pensjoni, għandha titqies li hija "suġġetta għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru", anki jekk din il-persuna ma jkollhiex assigurazzjoni għall-mard obbligatorja fl-Istat responsabbli għall-pensjoni. Fil-fatt, Y, bħala ċittadina Olandiża, għandha titqies li hija "suġġetta għal-leġislazzjoni" tal-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li tirċievi pensjoni tax-xjuħija bis-saħħa tal-AOW u hija obbligata tħallas kontribuzzjoni liċ-CAK taħt iż-Zvw (ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet).

46. F'dak li jirrigwarda t-tieni rekwiżit previst fl-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 883/2004, għandu jiġi osservat, minn naħa, li t-terminu "persuna assigurata" ġie stabbilit minn dan ir-regolament[17] prinċipalment għall-finijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tiegħu, intitolat "Benefiċċji marbutin mal-mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità"[18], peress li d-dispożizzjonijiet ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-mard jeżiġu li l-persuna tkun "assigurata" fi Stat Membru. Y tirċievi pensjoni tax-xjuħija bis-saħħa tal-AOW u, fuq din il-bażi, tibbenefika mid-dritt għall-kura tas-saħħa prevista, b'mod partikolari, fl-Artikolu 24 tal-imsemmi

16 Jiġifieri l-fergħat li ġejjin: a) il-benefiċċji tal-mard, b) il-benefiċċji tal-maternità u l-benefiċċji ekwivalenti tal-paternità, c) il-benefiċċji tal-invaliditá, d) il-benefiċċji tax-xjuħija, e) il-benefiċċji tas-superstiti, f) il-benefiċċji fil-każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard ikkaġunat mix-xogħol, g) l-allowances fil-każ ta' mewt, h) il-benefiċċji tal-qgħad, i) il-benefiċċji tal-irtirar kmieni, u j) il-benefiċċji tal-familja.

17 Ir-Regolament Nru 883/2004 wettaq il-modernizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regoli li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar il-pubblikazzjoni [l-applikazzjoni] ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, fil-verżjoni tiegħu li ġiet emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3). Madankollu, id-definizzjoni tat-terminu "persuna assigurata" ma ngħatatx fir-Regolament Nru 1408/71.

18 Fil-fatt, il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Għotjiet marbutin ma' mewt", li fih jintuża t-terminu "persuna assigurata", jinkludi biss żewġ dispożizzjonijiet, jiġifieri l-Artikoli 42 u 43, filwaqt li l-Kapitolu 1 jinkludi tliet taqsimiet u 18-il artikolu.

regolament li, minkejja li ma jirreferix espliċitament għall-"persuni assigurati", jifforma parti mill-Kapitolu 1, u għalhekk jirrigwarda waħda mill-"fergħat tas-sigurtà soċjali koperti minn Titolu III", skont l-ewwel frażi tal-Artikolu 1(ċ) tal-istess regolament.

47. Min-naħa l-oħra, sabiex Y, bħala "persuna pensjonanta", fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, tkun tista' titqies li hija "persuna assigurata" fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) ta' dan ir-regolament, skont l-aħħar frażi ta' din id-dispożizzjoni, hija għandha "tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti taħt Titolu II biex ikollu d-dritt għal benefiċċji, dejjem waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet [tal-imsemmi] Regolament".

48. F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 883/2004, il-persuni li jirċievu pensjoni fis-sens tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament jistgħu jiġu eżentati, fuq talba tagħhom, mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza li, skont l-Artikolu 11(3)(e) tal-imsemmi regolament, normalment tapplika [19]. F'dan il-każ, huwa paċifiku li Y hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, bħala Stat Membru kompetenti skont it-Titolu II tal-istess regolament.

49. Għalkemm ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika, billi tinterpreta d-dritt nazzjonali, jekk Y tissodisfax il-"kondizzjonijiet meħtieġa" mil-leġiżlazzjoni Olandiża sabiex ikollha dritt għall-benefiċċji previsti fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għandu jiġi kkonstatat li t-terminu "leġislazzjoni", fis-sens ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' [20] u li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha ssir, skont l-Artikolu 1(ċ) ta' dan ir-regolament, "dejjem waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet [tal-imsemmi] Regolament".

50. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Olandiża sabiex wieħed ikollu dritt għall-imsemmija benefiċċji in natura fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi, jikkorrispondu, fil-fatt, għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, li jissuġġetta d-dritt għall-benefiċċji in natura previsti minnu għal tliet kundizzjonijiet. L-ewwel, il-persuna interessata għandha tirċievi pensjoni jew pensjonijiet bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar, it-tieni, ma għandhiex tibbenefika mill-benefiċċji in-natura skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tagħha, u t-tielet, għandu jkollha dritt għal dawn il-benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat responsabbli għall-pensjoni, li kieku kienet tirrisjedi f'dan l-Istat Membru. Apparti dawn it-tliet kundizzjonijiet, kif ikkonferma l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, ebda kundizzjoni oħra ma hija meħtieġa taħt il-leġiżlazzjoni Olandiża sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mid-dritt għal benefiċċji in natura skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament [21].

51. Għaldaqstant, fl-assenza ta' kundizzjonijiet oħra stabbiliti fuq livell nazzjonali, "persuna pensjonanta", fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, tista' tiġi kklassifikata bħala "persuna assigurata" fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) ta' dan ir-regolament, jekk tissodisfa t-tliet kundizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament.

[19] L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 883/2004 jispeċifika li din il-possibbiltà hija disponibbli, fuq talba tal-persuna interessata, bil-kundizzjoni li din tal-aħħar ma tkunx suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza minħabba t-twettiq ta' attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha.

[20] Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004, it-terminu "leġislazzjoni" jfisser, għal kull Stat Membru, liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet statutorji oħra u l-miżuri ta' implimentazzjoni l-oħra kollha li jikkonċernaw il-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament.

[21] F'dan ir-rigward, ara l-Artikolu 69(1) taż-Zvw, iċċitat fil-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għażel li jiġi inkluż fil-lista tal-Istati Membri li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament Nru 883/2004, ħaġa li timplika li persuna li tirċievi pensjoni u li, bħal Y, tirrisjedi fi Stat Membru ieħor tista' tibbenefika, taħt l-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 27(2) tal-imsemmi regolament, mill-benefiċċji in natura matul is-soġġorn tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi (l-Istat Membru kompetenti), bir-responsabbiltà għalihom tinġarr mill-istituzzjoni kompetenti u skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, daqslikieku kienet tirrisjedi f'dan l-Istat Membru. Huwa probabbilment b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li Y wettqet eżami radjoloġiku fl-AZM, fil-Pajjiżi l-Baxxi, wara l-ewwel konsultazzjoni ma' tabib ġenerali fil-Belġju. Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, jidhirli li huwa diffiċli li jiġi sostnut li Y ma hijiex "persuna assigurata" skont il-leġiżlazzjoni Olandiża.

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li, f'dan il-każ, ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 1(ċ) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 883/2004 huma ssodisfatti. Għalhekk għandu jiġi konkluż li Y, bħala "persuna pensjonanta", fis-sens tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament, għandha wkoll titqies li hija "persuna assigurata" fis-sens tal-Artikolu 3(b)(i) tad-Direttiva 2011/24 u, fuq din il-bażi, tkun tista' tibbenefika mill-prinċipji ġenerali applikabbli għar-rimbors tal-ispejjeż, previsti fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva.

2. Fuq id-distinzjoni bejn "persuna assigurata" u "persuna li tirċievi pensjoni" fis-sistema tar-Regolament Nru 883/2004

54. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni ma tistax tiġi invalidata bl-argument imressaq mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi li skontu l-"persuni li jirċievu pensjoni", fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004, ma jistgħux ikunu wkoll "persuni assigurati" fis-sens ta' dan ir-regolament. Skont dan il-gvern, l-imsemmi regolament jagħmel distinzjoni ċara bejn id-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-"persuni assigurati", minn naħa, u dawk li japplikaw għall-"persuni li jirċievu pensjoni", min-naħa l-oħra, b'mod li dawn iż-żewġ kategoriji jeskludu lil xulxin. Insostenn ta' dan l-argument, huwa josserva li, fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tal-istess regolament, it-Taqsima 1 hija ddedikata għall-"persuni assigurati u [għall-]membri tal-familji tagħhom, *minbarra pensjonanti u membri tal-familji tagħhom*" u li t-Taqsima 2 hija ddedikata esklużivament għall-"*[p]ensjonanti* u [għall-]membri tal-familji tagħhom"[22]. Bl-istess mod, fi ħdan il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, l-Artikolu 42 jirregola l-każ tal-mewt ta' "persuna assigurata" jew ta' membru tal-familja tagħha, filwaqt li l-Artikolu 43 ta' dan ir-regolament jirregola l-każ tal-mewt ta' "pensjonant" jew ta' membru tal-familja tiegħu. Skont din il-loġika, l-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament, li jinsab taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-imsemmi regolament, għandu għalhekk japplika esklużivament għall-"persuni pensjonanti" u mhux għall-"persuni assigurati", b'mod li persuna li tirċievi pensjoni, bħal Y, ma tistax tinvoka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/24.

55. Abbażi ta' analiżi tar-Regolament Nru 883/2004, jidhirli li, għalkemm huwa minnu li t-termini "persuna assigurata" u "persuna li tirċievi pensjoni" ma jintużawx b'mod interkambjabbli, peress li dawn tal-aħħar għandhom tifsira awtonoma u distinta, il-kunċett ta' "persuna assigurata" għandha, għar-raġunijiet li ġejjin, tkun tista' tinkludi l-kunċett ta' "persuna li tirċievi pensjoni" bħala kategorija speċifika tal-"persuni assigurati" li jistħoqqilhom dispożizzjonijiet adatti għas-sitwazzjoni tagħhom.

[22] Korsiv miżjud minni.

56. Għandu qabelxejn jiġi speċifikat li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament Nru 883/2004 huwa r-riżultat ta' estensjoni progressiva, permezz tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-emendi leġiżlattivi li segwew din il-ġurisprudenza, tal-kamp ta' applikazzjoni inizjali tar-Regolament Nru 3/1958[23]. Sabiex iwassal għal semplifikazzjoni radikali tad-dispożizzjonijiet kumplessi ferm dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament Nru 1408/71 l-antik, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 883/2003 jirreferi b'mod ġenerali u eżawrjenti għaċ-"ċittadini [kollha] ta' Stat Membru, […] li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom"[24]. Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "persuna assigurata" ikopri l-persuni li, indipendentement mill-istatus tagħhom (pereżempju, persuna impjegata, persuna li tirċievi pensjoni, eċċ.), jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kompetenti sabiex ikollhom dritt għal benefiċċji. Dan ifisser li r-Regolament Nru 883/2004 japplika kollu kemm hu, indipendentement minn jekk il-persuna interessata kinitx assigurata bħala persuna impjegata, bħala persuna mhux attiva jew minħabba ċirkustanzi oħra bħalma huma, b'mod partikolari, ir-residenza jew in-nazzjonalità.

57. Huwa fid-dawl ta' dan l-iżvilupp li għandha tiġi analizzata d-distinzjoni magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni bejn il-"persuni assigurati" u l-"persuni li jirċievu pensjoni". Storikament, din id-distinzjoni toħroġ mir-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 34 tiegħu, li jikkorrispondu, essenzjalment, għall-Artikoli 23 sa 30 tar-Regolament Nru 883/2004.

58. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, skont il-premessi 20 u 22 tar-Regolament Nru 883/2004, "[f]il-qasam ta' benefiċċji marbuta ma' mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità, *persuni assigurati* […] li jgħixu jew joqogħdu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru kompetenti, għandhom jingħataw protezzjoni", u li "[m]inħabba *l-posizzjoni speċifika* ta' persuni li għandhom pretensjoni għal pensjoni, *ta' pensjonanti* […], huwa meħtieġ li jkun hemm disposizzjonijiet li jirregolaw assigurazzjoni marbuta mal-mard adattati għal din is sitwazzjoni"[25]. Għaldaqstant, f'moħħ il-leġiżlatur, il-"persuni li jirċievu pensjoni" huma subkategorija tal-"persuni assigurati" li, minħabba l-"pożizzjoni speċifika" tagħhom, jeħtieġu regoli adatti għas-sitwazzjoni tagħhom.

59. Fil-fatt, huwa billi segwa din l-istess loġika li, bit-twettiq ta' distinzjoni, għall-finijiet tal-Kapitoli 1 u 3 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, bejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-"persuni assigurati", u, min-naħa l-oħra, dawk applikabbli għall-"persuni li jirċievu pensjoni", il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jipprevedi dispożizzjonijiet partikolari u adatti aħjar għal dan il-grupp ta' persuni assigurati.

60. B'mod iktar speċifiku, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tagħhom - peress li dawn il-persuni jirċievu l-pensjoni tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni ta' mill-inqas żewġ Stati Membri jew jirrisjedu fi Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu ma tagħtihomx benefiċċji in natura (ara l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 883/2004) –, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-għoti ta' benefiċċji tal-mard (ara t-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dan ir-regolament) lil tali persuna li tirċievi pensjoni jew għall-għoti ta' benefiċċji fil-każ ta' mewt ta' din tal-aħħar (ara l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tal-imsemmi regolament). L-imsemmija dispożizzjonijiet għalhekk għandhom jitqiesu li huma regoli ta' kunflitt adatti għall-bżonnijiet tal-persuni li jirċievu pensjoni u tal-membri tal-familja tagħhom.

[23] Regolament tal-Kunsill dwar is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti (ĠU 1958, P 30, p. 561).

[24] Ara, f'dan ir-rigward, il-premessi 3 u 7 tar-Regolament Nru 883/2004.

[25] Korsiv miżjud minni.

61. F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, id-distinzjoni magħmula fil-kuntest tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, għandu jiġi kkonstatat li t-Taqsima 2 ta' dan il-kapitolu, intitolat "Benefiċċji marbutin mal-mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità", tipprevedi regoli speċjali ta' koordinazzjoni għall-persuni li jirċievu pensjoni fil-każ ta' mard u ta' maternità, inkluż f'dak li jirrigwarda l-membri tal-familja tagħhom (ara l-Artikoli 23 sa 30). Dawn ir-regoli għalhekk jikkostitwixxu *lex specialis* meta mqabbla mar-regoli tat-Taqsima 1 (Artikoli 17 sa 22), li jikkostitwixxu l-*lex generalis*. Fi kliem ieħor, it-Taqsima 2 tapplika biss għall-persuni li jirċievu pensjoni (assigurati), filwaqt li t-Taqsima 1 tapplika għal kull persuna assigurata, inklużi l-persuni li jirċievu pensjoni, meta dan ikun previst mit-Taqsima 2. Din l-istruttura hija kkonfermata mill-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament, li jindika wkoll in-natura komplementari tal-Artikoli 23 sa 30, peress li dawn l-artikoli "ma għandhomx japplikaw għal persuna pensjonanta […] li huma intitolati għal benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru fuq il-bażi ta' attività bħala persuni impjegati jew bħala persuni li jaħdmu għal rashom".

62. Fit-tieni lok, inqis li din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi invalidata mill-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 883/2004, li jirrigwardaw il-persuni li jirċievu pensjoni, jirrendu ċerti dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' dak il-kapitolu, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) u l-Artikoli 19, 20 u 21, applikabbli *mutatis mutandis* għall-persuni li jirċievu pensjoni. Għall-kuntrarju, fil-fehma tiegħi, din l-arkitettura tal-Kapitolu 1 tikkonferma l-assimilazzjoni sħiħa tal-"persuni li jirċievu pensjoni" mal-"persuni assigurati" u l-applikazzjoni tal-*lex generalis*, meta dan ikun iġġustifikat. Fil-fatt, it-Taqsima 1 ta' dan il-kapitolu hija intitolata "Persuni assigurati u membri tal-familji tagħhom, *minbarra pensjonanti u membri tal-familji tagħhom*", ħaġa li timplika li l-persuni li jirċievu pensjoni jifformaw parti mill-grupp tal-"persuni assigurati"[26]. Għalhekk huwa normali, fl-interess taċ-ċarezza u tal-koerenza, li meta regoli tal-*lex generalis* ikunu applikabbli għall-"persuni li jirċievu pensjoni" li jibbenefikaw minn *lex specialis*, dan jiġi indikat espressament fir-regoli tal-*lex specialis*, jiġifieri t-Taqsima 2 tal-imsemmi Kapitolu 1. Madankollu, huwa tabilħaqq minnu li l-użu tat-termini "*mutatis mutandis*" jista' jinftiehem ħażin, sa fejn ir-regoli kollha kemm huma jirrigwardaw "persuni assigurati" u li għalhekk ma għandux isir riferiment għal applikazzjoni b'analoġija.

63. Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, it-termini "persuna assigurata" u "persuna li tirċievi pensjoni" użati fir-Regolament Nru 883/2004 ma jeskludux lil xulxin.

3. Fuq il-kunċett ta' "persuna assigurata" fis-sistema tad-Direttiva 2011/24

64. Kif ġie stabbilit fil-punti 43 u 44 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-Direttiva 2011/24 tirreferi għad-definizzjoni ta' "persuna assigurata" prevista mir-Regolament Nru 883/2004. Issa, l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "persuna assigurata", fis-sens ta' dan ir-regolament, tidher li hija kkorroborata wkoll mill-użu ta' dawn it-termini fil-kuntest ta' din id-direttiva.

65. Fil-fatt, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, minn naħa, din l-interpretazzjoni hija koerenti mal-kunċett ta' "Stat Membru ta' affiljazzjoni", li, għall-persuni previsti fl-Artikolu 3(b)(i) tad-Direttiva 2011/24, huwa ddefinit, fl-Artikolu 3(c)(i) ta' din id-direttiva, bħala l-"Istat Membru li huwa kompetenti li jagħti lill-persuna assigurata awtorizzazzjoni minn qabel biex tirċievu t-trattament adatt barra l-Istat Membru ta' residenza skont [ir-Regolamenti Nru 883/2004

[26] Korsiv miżjud minni.

u 987/2009[27]]". Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jissuġġetta d-dritt għar-rimbors għall-kundizzjoni li l-persuna interessata tkun "affiljata" mal-iskema legali obbligatorja ta' assigurazzjoni għall-mard ta' Stat Membru[28].

66. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li huwa b'deroga mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2011/24 – li jirregola d-dritt għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali sostnuti mill-"persuni assigurati" – li l-Artikolu 7(2)(a) jestendi dan id-dritt b'mod partikolari għall-"pensjonanti […] li jkunu residenti fi Stat Membru differenti", sabiex ikopri l-ispejjeż ta' kura tas-saħħa sostnuti fit-territorju tal-Istat responsabbli għall-pensjoni, meta dan ikun inkluż fl-Anness IV tar-Regolament Nru 883/2004. Għaldaqstant, minn dan għandu jiġi dedott li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies, fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva 2011/24, li l-"persuni li jirċievu pensjoni" tabilħaqq jaqgħu taħt il-kunċett ta' "persuna assigurata", fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 883/2004. Barra minn hekk, din hija l-unika darba li jintuża t-terminu "persuna li tirċievi pensjoni" f'din id-direttiva.

67. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li d-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 3(b)(i) tad-Direttiva 2011/24, moqrija flimkien mal-Artikolu 1(ċ) u mal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 883/2004, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni li jirċievu pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandhom dritt, taħt l-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament, għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat ta' residenza tagħhom f'isem l-ewwel Stat Membru, mingħajr madankollu ma jkollhom assigurazzjoni għall-mard obbligatorja f'dan l-ewwel Stat Membru, jistgħu, bħala "persuni assigurati" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jinvokaw din id-direttiva sabiex jiksbu r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali li ngħatatilhom fit-tielet Stat Membru.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

68. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk persuna li tirċievi pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandha dritt, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat ta' residenza li għalihom huwa responsabbli l-ewwel Stat Membru tistax tinvoka l-Artikolu 56 TFUE, sabiex tikseb ir-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li bbenefikat minnha fi Stat Membru differenti minn dak ta' residenza tagħha jew dak li huwa responsabbli għall-pensjoni.

69. Nirrileva qabelxejn li, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tirrispondi fis-sens li nipproponi fil-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jkunx hemm lok li tingħata risposta għat-tieni domanda. Fil-fatt, f'din l-ipoteżi, Y taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2011/24, bil-konsegwenza li l-qorti tar-rinviju jkollha teżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, jekk il-persuna interessata għandhiex dritt għar-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali li bbenefikat minnha fil-Ġermanja, b'mod partikolari għall-ispejjeż tat-trattamenti mediċi li għalihom ma talbitx awtorizzazzjoni minn qabel. Għalhekk l-eżami li ġej huwa bbażat fuq l-ipoteżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkondividix din l-analiżi u tqis li għandha tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda.

[27] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-[Regolament Nru 883/2004] (ĠU 2009, L 284, p. 1).

[28] Ara, ukoll, il-premessa 13 tad-Direttiva 2011/24, li skontha "l-obbligu tar-rimborż tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali għandu jkun limitat għal kura tas-saħħa li l-persuna assigurata hija intitolata għaliha skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni".

70. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 883/2004 għal sitwazzjoni partikolari ma teskludix li din tista' taqa' wkoll taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE u li l-persuna kkonċernata jista' jkollha b'mod parallel, taħt dan l-artikolu tal-aħħar, id-dritt li taċċedi għal kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor taħt kundizzjonijiet ta' teħid ta' responsabbiltà u ta' rimbors differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament [29]. Din il-ġurisprudenza tista' tapplika wkoll fil-kuntest tad-Direttiva 2011/24, minkejja l-fatt li, hekk kif jirriżulta mill-premessa 8 tagħha, din tal-aħħar ikkodifikat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE fil-qasam tal-kura tas-saħħa, filwaqt li hija intiża li twassal għal applikazzjoni iktar ġenerali u kif ukoll iktar effikaċi tal-prinċipji stabbiliti każ b'każ permezz ta' din il-ġurisprudenza.

71. Fil-fatt, infakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li s-servizzi mediċi li jingħataw bi ħlas jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inklużi s-sitwazzjonijiet li fihom il-kura tingħata f'kuntest ta' sptar [30]. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi l-libertà tad-destinatarji tas-servizzi, b'mod partikolari tal-persuni li għandhom jirċievu kura medika, li jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex jibbenefikaw minn dawn is-servizzi hemmhekk [31].

72. Għaldaqstant, fl-ewwel lok, għandu jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel ir-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa sostnuti, fi Stat Membru differenti mill-Istat ta' residenza, minn persuna li tirċievi pensjoni taħt din il-leġiżlazzjoni, tinvolvix restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE.

73. Nirrileva f'dan ir-rigward li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel fir-rigward ta' trattament previst fi Stat Membru ieħor, li għaliha huwa suġġett it-teħid ta' responsabbiltà mill-istituzzjoni kompetenti, *skont is-sistema ta' kopertura fis-seħħ fl-Istat Membru li taqa' taħtu*, ta' kura ppjanata fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-forniturі, peress li tali sistema tiskoraġġixxi lil dawn il-pazjenti, jew tipprekludihom milli jirrikorru għal forniturі ta' servizzi mediċi stabbiliti fi Stat Membru ieħor sabiex jiksbu l-kura inkwistjoni [32]. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha l-effett li tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna għal Stat Membru [33]. Għaldaqstant, tali awtorizzazzjoni tista' effettivament tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

74. Fit-tieni lok, għandu jiġi vverifikat jekk tali restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tistax tkun iġġustifikata. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għalkemm awtorizzazzjoni minn qabel tikkostitwixxi, kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-forniturі, ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix, bħala prinċipju, li d-dritt ta' pazjent li jikseb kura fl-isptar fi Stat Membru ieħor li għaliha hija responsabbli s-sistema li fiha huwa

[29] Sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[31] Sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-21 ta' Ġunju 2012, Susisalo *et* (C-84/11, EU:C:2012:374, punti 26 sa 28).

[32] Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-255/09, EU:C:2011:695, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] Sentenza tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, EU:C:2006:325, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

rreġistrat ikun suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel[34]. L-għanijiet ta' tali rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel jistgħu jitqiesu li huma intiżi: (i) li ma jkunx hemm riskju ta' preġudizzju serju għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali, (ii) li jinżamm servizz mediku u ta' sptar ibbilanċjat u aċċessibbli għal kulħadd, (iii) li tinżamm kapaċità ta' kura jew ta' kompetenza medika fit-territorju nazzjonali, u (iv) li jippermettu ppjanar li jfittex li jilħaq l-għan li fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat tkun iggarantita aċċessibbiltà suffiċjenti u permanenti għal firxa bbilanċjata ta' kura ta' kwalità fl-isptar[35].

75. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward tal-kura fl-isptar jew tal-kura medika li tinvolvi l-użu ta' apparat mediku speċjalizzat ħafna u li jqum ħafna flus (iktar 'il quddiem il-"kura mhux fl-isptar ta' importanza ewlenija"[36], għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala prinċipju, sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, huwa madankollu neċessarju li l-kundizzjonijiet marbuta mal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni jkunu ġġustifikati fid-dawl tal-imperattivi msemmija iktar 'il fuq, li ma jeċċedux dak li huwa oġġettivament neċessarju għal dan il-għan u li l-istess riżultat ma jistax jinkiseb permezz ta' regoli inqas vinkolanti. Barra minn hekk, tali sistema għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u li jkunu magħrufa minn qabel, b'mod li jiġi llimitat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex din ma tiġix eżerċitata b'mod arbitrarju[37].

76. F'dan il-każ, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ma semma ebda ġustifikazzjoni f'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni Olandiża applikabbli, li tissuġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel ir-rimbors tal-ispejjeż tal-benefiċċji in natura mogħtija lil persuna li tirċievi pensjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 883/2004, fi Stat Membru differenti mill-Istat ta' residenza. Għalhekk hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk tali ġustifikazzjonijiet jeżistux u jekk huma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq.

77. F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, *fil-każijiet kollha*, it-teħid ta' responsabbiltà għall-kura fl-isptar mogħtija mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel iċċaħħad lill-persuna assigurata, li, għal raġunijiet marbuta mas-saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi kura b'urġenza fi sptar, kienet prekluża milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx tistenna r-risposta tal-istituzzjoni kompetenti, dwar it-teħid ta' responsabbiltà, minn din l-istituzzjoni, għal tali kura, minkejja li l-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu barra minn hekk issodisfatti[38]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'tali sitwazzjonijiet, it-teħid ta' responsabbiltà għal tali kura ma huwiex tali li jipperikola t-twettiq tal-għanijiet ta' ppjanar fi sptar u lanqas ma jippreġudika serjament il-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali, peress li tali teħid ta' responsabbiltà ma jaffettwax iż-żamma ta' servizz ta' sptar ibbilanċjat u aċċessibbli għal kulħadd u lanqas iż-żamma ta' kapaċità ta' kura u ta' kompetenza medika fit-territorju nazzjonali[39].

78. Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi r-rimbors, mill-istituzzjoni kompetenti, tal-ispejjeż relatati mal-kura fl-isptar jew mhux fl-isptar ta' importanza ewlenija rċevuta fi Stat Membru ieħor, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkluż fis-sitwazzjonijiet partikolari li fihom il-persuna assigurata kienet prekluża milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx

34 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 41).

35 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punti 42 u 43).

36 Sentenza tat-23 ta' Settembru 2020, Vas Megyei Kormányhivatal (Kura tas-saħħa transkonfinali) (C-777/18, EU:C:2020:745, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 44).

38 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 45).

39 Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 46).

tistenna d-deċiżjoni tal-istituzzjoni kompetenti fuq it-talba għal awtorizzazzjoni mressqa, għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi tali kura b'urġenza, minkejja li l-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu barra minn hekk issodisfatti, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni tinvolvi restrizzjoni sproporzjonata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE u tikser l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2011/24.

79. F'dan il-każ, mill-proċess tal-kawża prinċipali jirriżulta li ċ-CAK iddikjara li ma kellux kompetenza sabiex jittratta l-każ sempliċement minħabba l-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel, mingħajr madankollu ma vverifika, matul il-fażi amministrattiva, jekk is-sitwazzjoni ta' Y kinitx tant urġenti li awtorizzazzjoni ma kinitx tkun neċessarja (ara l-punti 24 u 26 ta' dawn il-konklużjonijiet). Proċedura ta' ċaħda kważi awtomatika għalhekk ma tistax tissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità.

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li teskludi *ex officio* r-rimbors, mill-istituzzjoni kompetenti, tal-ispejjeż relatati mal-kura fl-isptar jew mhux fl-isptar ta' importanza ewlenija rċevuta fi Stat Membru ieħor, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkluż fis-sitwazzjonijiet partikolari li fihom il-persuna assigurata kienet prekluża milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx tistenna d-deċiżjoni tal-istituzzjoni kompetenti fuq it-talba għal awtorizzazzjoni mressqa, għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi tali kura b'urġenza, minkejja li l-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu barra minn hekk issodisfatti.

V. Konklużjoni

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u tas-Servizz Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

1) Id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 3(b)(i) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali, moqrija flimkien mal-Artikolu 1(ċ) u mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni li jirċievu pensjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandhom dritt, taħt l-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament, għall-benefiċċji in natura mogħtija mill-Istat ta' residenza tagħhom f'isem l-ewwel Stat Membru, mingħajr madankollu ma jkollhom assigurazzjoni għall-mard obbligatorja f'dan l-ewwel Stat Membru, jistgħu, bħala "persuni assigurati" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jinvokaw din id-direttiva sabiex jiksbu r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali li ngħatatilhom fit-tielet Stat Membru.

2) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li teskludi *ex officio* r-rimbors, mill-istituzzjoni kompetenti, tal-ispejjeż relatati mal-kura fl-isptar jew mhux fl-isptar ta' importanza ewlenija rċevuta fi Stat Membru ieħor, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkluż fis-sitwazzjonijiet partikolari li

fihom il-persuna assigurata kienet prekluża milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx tistenna d-deċiżjoni tal-istituzzjoni kompetenti fuq it-talba għal awtorizzazzjoni mressqa, għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi tali kura b'urġenza, minkejja li l-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu barra minn hekk issodisfatti.